MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2005

Avviz Numru. 339/2003

**GasanMamo Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Garth Raymond Brammall sija bil-polza u sija bil-ligi, u l-istess Garth Raymond Brammall**

**vs**

**Joseph Camilleri**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-atturi fil-25 ta' Gunju, 2003 fejn talbu lil din il-Qorti ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma lill-atturi s-somma ta' elfejn, tliet mija u erbgha u hamsin lira Maltin u disghin centezmu (Lm2,354.90) rapprezentanti hlas ta' danni kkagunati mill-konvenut f'incident awtomobilistiku li sehh fis-6 ta' Jannar, 2002 f'Qawra Road, Qawra, bejn il-vettura numru AAU 746 misjuqa mill-konvenut u l-vettura numru GAR 711 misjuqa minn u proprjeta' ta' l-assikurat tas-socjeta' attrici, liema

ncident gara unikament tort tal-konvenut, minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

L-ammont mitlub jinkludi hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) ‘excess’ imhallas mill-attur Garth Raymond Brammall, li kien assikurat taht polza ‘comprehensive’ mas-socjeta’ attrici.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-12 ta’ Dicembru, 2002 kontra l-konvenut, ta’ l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma’ l-Avviz ghas-smiegh kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut u bl-imghax mit-12 ta’ Dicembru, 2002, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi, billi l-kollizjoni in kwistjoni ma saritx b’tort ta’ l-eccipjent, izda tort ta’ l-attur Garth Raymond Brammall, minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti l-istess Garth Raymond Brammall, kif ser jigu ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk l-eccipjenti ma huwiex responsabbli ghal hlas ta’ danni.
2. Illi inoltre, bla pregudizzju ghall-premess, is-somma mitluba mill-atturi hija eccessiva u *in ogni caso* trid issir il-prova tad-danni rejalment sofferti mill-istess atturi;
3. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-Ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Din il-kawza tirrigwarda ncident stradali li gara fis-6 ta’ Jannar, 2002 ghall-habta ta’ nofs il-lejl (24:00) f’Qawra Road, il-Qawra bejn il-vettura numru tar-registrazzjoni

AAU 746 misjuqa mill-konvenut Joseph Camilleri u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni GAR 711 misjuqa minn Garth Raymond Brammall.

Irrizulta mill-provi illi dakinhar ta’ l-incident Brammall kien qieghed isuq il-vettura tieghu hdejn ir-restaurant Ta’ Kassja. Fuq in-naha tal-lemin tieghu osserva li kien hemm karozza wieqfa wara l-*istop sign* tistenna sabiex tidhol fuq it-triq tieghu. F’daqqa wahda, din il-karozza harget minn fuq il-lemin, qasmet il-karreggjata tal-lemin, giet fil-karreggjata tieghu fl-istess direzzjoni illi kien qieghed isuq. Ix-xhud inhasad, “I braked and braked hard but unfortunaley I did not have enough space where to stop and crashed into his car.” Biex tghaqad, dak il-hin fil-karreggjata opposta kienet gejja karozza ohra u ghalhekk, Brammall ma setghax kaghmel manuvra ta’ sorpass fuq il-karozza tal-konvenut. Din kompliet tikkrejalu emergenza l-ghaliex hekk kif giet quddiemu naqqset il-velocita’ u l-habta ma setghetx tigi evitata.

Il-konvenut a fol. 45 jghid illi waqaf wara l-*istop sign*, hares lejn ix-xellug fejn kien hemm vista tajba hafna u fit-tul, ra illi ma kien xejn gej u ghalhekk qasam it-triq biex isuq lejn il-lemin. Kif wasal quddiem il-Bella Vista hotel, jara karozza gejja bi *speed* esagerat minn warajh u baqghet diehla go fih. Qal illi hemm xi tul ta’ xi hmistax-il karozza bejn il-kantuniera illi hareg minnha u l-incident.

Arthur Demanuele a fol. 47 qal illi kien wara l-konvenut, rah jieqaf fuq l-*istop sign* u rah hiereg u jaqbad it-triq lejn il-lemin, “Fil-pront nara karozza ohra gejja mix-xellug b’velocita’ qawwija … tibqa’ diehla fil-karozza tal-konvenut.” Ikompli jghid, “Illi kienu ghaddew xi sekondi mill-mument illi l-konvenut kien hareg mill-*istop sign* u qabad it-triq lejn Bugibba.”

Ikkunsidrat:

Illi ma hemmx dubju li l-konvenut kien qieghed f’posizzjoni svantaggjuza peress illi kien qieghed fuq triq sekondarja u ried jaqsam il-*line of traffic* ta’ triq principali. Bhalma ghallmet il-kawza riportata fil-Vol. XXXVI part I pagna

797, “Ghalhekk driver ghandu joqghod attent sija jekk ikun fit-triq dritta kemm ukoll jekk ikun diehel fiha, huwa nitwuttiv u hu principju affermat f’diversi decizjonijiet tal-Qrati Nglizi illi driver illi ser jidhol fit-triq id-dritta minn triq ohra, ghandu obbligu aktar minn dak id-driver fuq it-triq id-dritta, ghas-semplici raguni illi jkun ser jaqsam l-i*stream of traffic* illi jkun hemm fuq it-triq id-dritta;  mentri d-driver fuq it-triq id-dritta ladarba jkun ser ikompli ghad-dritt ma jkun sejjer ifixkel lill-hadd.”

Ghalhekk, kien jinkombi fuq il-konvenut attenzjoni specjali sabiex jassigura li l-hrug tieghu minn triq sekondarja ma kinx ser ikun ta’ ostaklu ghall-hadd.  Dan kien ifisser illi kellu jesplora sewwa t-triq u ma johrogx qabel ma jkun cert illi jista’ jaghmel hekk minghajr periklu.  Skond il-konvenut huwa waqaf wara l-i*stop sign*, hares lejn ix-xellug fejn hemm vista tajba hafna u fit-tul, u ma ra lil hadd u ghalhekk qasam.  Hekk kif qasam sar l-incident.

Arthur Demanuele juza l-kliem, “Fil-pront nara karozza ohra gejja mix-xellug b’velocita’ qawwija” u jahseb illi ghaddew xi sekondi bejn il-mument li l-konvenut hareg mill-*istop sign* u qabad it-triq lejn Bugibba.  Dan ifisser illi ma kienx hemm hin bejn il-mument illi l-konvenut hareg minn wara l-*istop sign* u l-incident.  Quindi jew li l-konvenut ma hares xejn lejn ix-xellug, jew inkella ma harisx sew, il-ghaliex ma jistax ikun li ma jindunax bil-vettura ta’ Brammall meta kienet daqshekk vicin tieghu bl-incident isir daqshekk malajr.

F’kawza deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta’ Jannar, 2005 fl-ismijiet <u>Adrian Theuma et vs Cristino Cassar</u> inghad illi minn johrog minn *drive in* ta’ x’imkien (l-istess bhalma min johrog minn triq tal-genb) irid jaccerta ruhu illi jibda, jkompli u jtemm il-hrug tieghu bla ma jfixkel lil min ikun gej mit-triq ewlenija.  Tat-triq ewlenija jrid isuq b’attenzjoni u bla sahha zejda.

Gie allegat f’din il-kawza illi Brammall kien qieghed isuq bi *speed* esagerat, izda dan bl-ebda mod ma rrizulta. Irrizulta zgur illi l-incident gara hekk kif il-konvenut hareg minn triq sekondarja u qabad it-triq id-dritta lejn il-lemin u

l-ftit sekondi ta’ l-intervall, ikomplu jsahhu l-fehma tal-Qorti illi Brammall kien aktar vicin milli jippretendi l-konvenut, fejn allura jidher nuqqas ta’ *proper lookout* da parti ta’ dan ta’ l-ahhar.

Ghal dawk illi huma d-danni xehed Hugh P. Zammit a fol. 13 in rapprezentanza tas-socjeta’ attrici, u John Callus a fol. 41, is-*surveyor* li spezzjona d-danni subiti fil-karozza ta’ Brammall. Dawn ma jidhrux illi huma kontestati mill-konvenut li llimita l-kontestazzjoni tieghu ghar-responsabbilta’ ta’ l-incident.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi filwaqt li tilqa’ t-talba ta’ l-atturi, tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident illi gara fis-6 ta’ Jannar, 2002 f’Qawra Road, Qawra, bejn il-vettura numru GAR 711 misjuqa minn Garth Raymond Brammall u l-vettura numru AAU 746 misjuqa mill-konvenut, liema ncident huwa unikament responsabbli l-konvenut, minhabba negligenza u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku u tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fl-ammont ta’ ta’ elfejn, tliet mija u erbgha u hamsin lira Maltin u disghin centezmu (Lm2,354.90), u kosegwentement tikkundanna lill-konvenut illi jhallas din is-somma lill-atturi.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta’ l-Avviz ghas-smiegh kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------